**REĠJUN ĊENTRALI**

# MINUTI

## SEDUTA Nru 61

It-Tlieta l-1 ta' Settembru , 2015

Il-Kumitat tar-Reġjun Ċentrali ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Msida, Pjazza Menqa, L-Imsida, fil-5.30pm.

Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, ippresieda.

**PREŻENTI**

| | | |
|---|---|---|
| President tar-Reġjun | Michael Fenech Adami | Preżenti |
| Viċi-President | Stefan Cordina | Preżenti |
| Kunsillier Sliema | Paul Radmilli | Preżenti |
| Sindku L-Imsida | Margareth Baldacchino Cefai | Prezenti |
| Viċi Sindku B'Kara | Rita Borg | Preżenti |
| Kunsillier San Ġwann | Dominic Cassar | Preżenti |
| Sindku l-Gżira | Conrad Borg Manche | Assenti |
| Sindku Ta' Xbiex | Maximillian Zammit | Preżenti |
| Sindku Santa Venera | Stephen Sultana | Preżenti |
| Sindku Ħal Lija | Magda Magri Naudi | Preżenti |
| Sindku l-Pietà | Keith Tanti | Preżenti |
| Sindku l-Iklin | Anthony Dalli | Skużat |
| Sindku Ħal Balzan | Dr Ian Spiteri | Skużat |
| Sindku San Ġiljan | Karl Gouder | Preżenti |

**UFFIĊJALI**

Segretarju Eżekuttiv: Jeanette Galea

**TALBA**

Il-President qal it-talba.

1. **MINUTI**

Il-minuti tas-Seduta Nru 60 li saret nhar il-Ħamis, 6 ta' Awwissu 2015, ittieħdu bħala moqrija.

Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta tas-Sindku ta' San Ġiljan, is-Sur Karl Gouder, u sekondat mill-Kunsillier ta' San Ġwann, is-Sur Dominic Cassar.

2. **MATERJI LI JIRRIŻULTAW MILL-MINUTI**

Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, staqsa lill-membri preżenti jekk hemmx xi ħadd mill-membri preżenti li xtaq xi kjarifika fuq il-minuti tal-laqgħa preċedenti.

Il-Viċi President, is-Sur Stefan Cordina, għamel referenza għall-punt numru 7.3 mill-minuti tas-seduta numru 60, fejn talab sabiex jiġi rtirat mill-Bord li kien inħatar sabiex tiġi aġġudikata s-sejħa ta' Accountant.

Is-Sur Cordina esprima ukoll ruħu dwar in-nuqqas li għamlet l-Assoċċjazzjoni tal-Kunsill Lokali fir-rigward ta' kif intgħażel il-President il-ġdid tar-Reġjun.

Is-Sindku ta' Santa Venera, is-Sur Stephen Sultana, qabel mas-Sur Cordina u kompla jgħid li bħala entità, l-AKL kellha tinforma lis-Sur Cordina minnufih u mhux ġimgħat wara li kienet diġà ittieħdet deċizjoni.

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Galea, spjegat kif hi kienet ġiet infurmata bl-għażla tal-President il-ġdid permezz ta' korrispondenza mid-Dipartiment fuq konferma ta' informazzjoni fuq il-membri mis-Sinjura Maria Zammit (mid-DLG) u mhux direttament mill-AKL.

Permezz ta' din l-email, is-Segretarju Ezekuttiv, is-Sinjura Jeanette Galea, infurmat lis-Segretarju Eżekuttiv tal-AKL sabiex tibagħat korrispondenza uffiċċjali fejn tinforma lil dan ir-Reġjun bil-ħatra tal-President il-ġdid. Meta din l-email intbagħatet lis-Sinjura Galea, is-Sinjura Galea baghtet din l-email immedjatament lill-membri tar-Reġjun b'din il-Presidenza l-ġdida.

***17:43pm is-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sinjura Magda Magri Naudi, waslet għal-laqgħa.***

3. **KORRISPONDENZA**

3.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, ressaq fuq il-mejda l-email li dan ir-Reġjun irċieva mingħand id-Direttur għall-Gvern Lokali, is-Sur Carmel Abela, fejn informa lir-Reġjun li mill-1 t'Ottubru 2015, id-delega tal-Infurzar ser tgħaddi minn fuq il-Kumitati Reġjonali għal għand l-Aġenzija tal-Infurzar Lokali LESA. Għaldaqstant dan ir-Reġjun għandu jittermina l-kuntratt tal-Ufiċċjal Awtorizzat sal-aħħar ġurnata tad-delega tar-Reġjun 30.09.15 biex ma jkunx hemm riperkussjonijiet finanzjarji min-naħa tar-Reġjun. Għal din ir-raġuni, l-Uffiċċjal Awtorizzat ta' dan ir-Reġjun, is-Sur David Soler, ġie notifikat minnufih permezz ta' telefornata kif ukoll ta' e-mail biex tiġi ffirmata l-ittra uffiċċjali ta' terminazzjoni.

Is-Sur Abela spjega kif il-kuntratti l-oħra tal-Infurzar Lokali ser jingħaddu fuq l-Agenzija b'effett mill 1 ta' Ottubru,2015, u m'għandhomx jiġu terminati iżda ser isiru arranġamenti biex jiġu assorbiti mill-Aġenzija. Żied jgħid ukoll li d-dħul kollu taċ-ċitazzjonijiet li saru qabel l-1 t'Ottubru 2015 se jibqa' proprjetà tar-Regjuni. Se jibqa' wkoll proprjetà tar-Regjuni d-dħul kollu li jsir minn ċitazzjonijiet li saru qabel l-1 t'Ottubru 2015 izda li jithallsu wara l-1 t'Ottubru 2015.

Is-Sur Michael Fenech Adami żied jgħid li huwa rċieva e-mail fejn kien qed jiġi infurmat li ser issir laqgħa flimkien mal-Ministru Owen Bonnici u l-On. Stefan Buontempo sabiex tiġi diskussa r-riforma tal-Gwardjani Lokali.

Il-Kunsillier, is-Sur Paul Radmilli, talab għal pożizzjoni li għandu dan ir-Reġjun.

Is-Sur Fenech Adami spjega li waqt il-laqgħa tal-AKL, huwa staqsa minn kien qed jirrappreżenta lir-Reġjuni peress li ħadd ma huwa infurmat x'ser jiġri. Għal din ir-raġuni, is-Sur Fenech Adami talab sabiex il-laqgħa annwali tas-Sindki ssir qabel sabiex dawn il-punti jkunu jistgħu jiġu diskussi. Però, sfortunatament, l-AKL ma laqgħatx din it-talba.

Is-Sur Fenech Adami żied jgħid li s-Sur Mario Fava qed jirrappreżenta l-AKL f'dawn id-diskussjonijiet.

Is-Sur Fenech Adami ssuġġerixxa li peress il-kuntratt mal-Kumpanija TOAD Ltd. ser tintemm fl-aħħar ta' Settembru 2015, kull Reġjun għandu joħroġ sejħa ta' impjieg sabiex is-sistema l-ġdida tiġi mmonitorjata.

Il-Kunsillier ta' tas-Sliema, is-Sur Paul Radmilli, qal li r-resident għandu jkun il-persuna li tavviċina bil-problema li tinsab fir-raħal tagħha.

Is-Sur Michael Fenech Adami kompla jispjega li l-Aġenzija tal-Infurzar Lokali, LESA, ser tkun qed tiltaqa' mar-Reġjuni darba fix-xhar sabiex jiġu diskussi l-problemi, però d-deċiżjoni finali dejjem ser tkun meħuda mill-aġenzija LESA.

Is-Sur Paul Radmilli esprima li r-Reġjun għandu jsejjaħ laqgħa ma' din l-Aġenzija sabiex tingħata l-informazzjoni kollha fuq kif din l-aġenzija ser topera qabel ma tidħol fis-seħħ.

Għal din ir-raġuni, il-membri kollha qablu li s-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Galea, għandha ssejjaħ laqgħa mas-Sinjura Elizabeth Vassallo, jew ma' rappreżentant mill-Aġenzija mill-aktar fis possibli, sabiex twieġeb għall-mistoqsijiet li l-membri għandhom fuq din l-Aġenzija.

***17:57pm Is-Sindku ta' Ta' Xbiex, is-Sur Maximillian Zammit, wasal għal-laqgħa.***

3.2 Nhar is-27 ta' Awwissu 2015, ir-Reġjun irċieva e-mail fuq 'Memo 22/2015 – Skema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet Kulturali' għax-xahar ta' **Diċembru 2015 biss**. Jekk dan ir-Reġjun huwa interessat li jagħmel attività, l-applikazzjoni għandha tasal għand id-Dipartiment sa mhux aktar tard mill-**25 ta' Settembru 2015**, f'**nofsinhar**.

Ma kien hemm l-ebda suġġerimenti min-naħa tal-membri preżenti.

3.3 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, ressaq fuq il-mejda rapport ippreżentat mill-Kunsill Lokali tal-Imsida, fejn xtaq jinforma lill-membri li l-ammont ta' €7,340.00 ser jintnefqu fix-xogħlijiet li ġejjin:

- Rampa fi Triq it-Torri - €238.93;
- Parking Area fi Triq il-Wied - €804.17;
- Bażi ta' monument taż-żgħażagħ – €1,063.09;
- Parking area fi Triq Dun Kalċidon Schembri - €2,359.71;
- Centre strip fi Triq is-Snajja' - €2,116.76;
- Pavimentar fi Triq Misraħ il-Barrieri - €757.35.

Ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni mill-membri sabiex isiru dawn ix-xogħlijiet u għalhekk dawn ġew approvati.

## 4. MISTOQSIJIET

Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, staqsa jekk kienx hemm xi mistoqsijiet min-naħa tal-membri.

Is-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sinjura Magda Magri Naudi, staqsiet lill-membri jekk kienx hemm xi ħadd li ser joħroġ sejħa għad-dwal tat-toroq jew jekk il-Kunsill Lokali tagħha għandux jistenna sakemm jara jekk din is-sejħa hux ser tinħareġ mir-Reġjun.

Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lis-Sinjura Magri Naudi li minħabba r-riforma, ir-Reġjun ma jistax joħroġ is-sejħa bħalissa.

## 5. KOMUNIKAZZJONI TAL-PRESIDENT

Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri li ma kellu l-ebda komunikazzjoni min-naħa tiegħu.

## 6. APPROVAZZJONI TAL-ĦLASIJIET FL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI

Is-Sinjura Magda Magri Naudi, sekondata mis-Sur Dominic Cini, resqet mozzjoni biex jiġi approvat il-ħlas tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Nru 61. Il-mozzjoni għaddiet *nem.con*.

## 7. AFFARIJIET OĦRA

### *7.1 Clamping* u *Towing*

Fil-laqgħa preċedenti kienet tqajment diskussjoni fuq il-clamping u t-towing u kien ġie propost li għandha ssir laqgħa flimkien mad-Direttur tal-Kumpanija Guard and Warden Service House Ltd., is-Sur Kenneth De Martino.

Għal din ir-raġuni saret laqgħa nhar it-Tnejn 24 ta' Awwissu 2015 fejn kien hemm preżenti is-Sur De Martino, is-Sur Julian Dimech, is-Sinjura Miriam Barbara flimkien mal-President, is-Sur Michael Fenech Adami, is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Jeanette Galea, u l-uffiċċjal Awtorizzat, is-Sur David Soler.

Is-Sur Soler spjega li postijiet bħal San Ġiljan, għandhom problema kbira bil-vetturi li jkollhom number plates barranin. Kienet saret laqgħa bejn is-Sindku ta' San Giljan, Karl Gouder, rappreżentant mit-TM u rappreżentant mill-Malta Tourism Authority sabiex jitwaħħlu tabelli fit-toroq.

Is-Sur De Martino spjega li meta kien qed ikun hemm kazijiet ta' towing, kien qed ikun hemm ostakolazzjoni. Fi żmien il-Kumitat Konġunt, minn clamping, kien qed ikun hemm towing, fejn ħafna vetturi bin- number plates barranin ma kienux qed jiġu miġbura mis-sidien tagħhom. Dan irriżulta fi problema akbar minħabba li dawn il-karozzi kellhom jinġabru f'parkeġġ.

Il-membri preżenti qablu li s-Sur David Soler għandu jibgħat e-mail lis-Sinjura Eliżabeth Vassallo u r-Reġjun ikun jista' jmexxi wara li jkun hemm risposta mis-Sinjura Vassallo.

Is-Sur David Soler spjega li għalkemm huwa bagħat e-mail lis-Sinjura Vassallo, huwa għadu ma rċieva l-ebda risposta u għaldaqstant ser jerġa' jibgħatilha tfakkira.

### 7.2 Multi pendenti ma' dan ir-Reġjun

Fil-laqgħa preċedenti kien ġie deċiz li s-Segretarju Eżekuttiv għandha tinforma lil Datatrak sabiex tibgħat ittri uffiċċjali lil dawk li għandhom il-multi li għadhom ma tħallsux.

Is-Sinjorina Eileen, mid-Datatrak, infurmatna li din issa taqa' taħt l-Aġenzija l-ġdida fejn fl-Avviż Legali Numru 153/2015, 3(b), tispjega li l-Agenzija ser tkun qed tiġri wara dawn id-debituri.

Il-membri preżenti qablu li għandu jinġieb rapport taċ-ċtazzjonijiet li hemm pendenti mingħand Datatrak.

Il-memrbi preżenti staqsew jekk dan ir-Reġjun għandux jerġa' jqassam somma oħra mid-dħul tal-LES.

Is-Segretarju Eżekutiv, is-Sinjura Galea, spjegat li meta s-Sur Peter Bonello, kien il-President ta' dan ir-Reġjun, kien hemm qbil bejn il-membri preżenti li d-diskussjoni ta' tqassim ta' flus għandha tiġi diskussa kull meta l-Accountant, is-Sur Brendan Camilleri, jippreżenta l-*Financial Quarterly Reports* sabiex il-membri tar-Reġjun ikunu jafu kif inhi s-sitwazzjoni finanzjarja tar-Reġjun qabel ma tittieħed deċizjoni.

Is-Sinjura Galea infurmat lill-membri li fil-laqgħa tar-Reġjun li jmiss, is-Sur Brendan Camilleri, ser ikun preżenti sabiex iressaq dan ir-rapport u għal din ir-raġuni, hija ssuġġeriet li r-Reġjun għandu jistenna dan ir-rapport.

Il-membri preżenti pproponew li tqassim għandu jsir qabel l-1 t'Ottubru 2015 minħabba li l-Aġenzija LESA ser tibda tiffunzjona mill-1 ta' Ottubru 2015.

Is-Sur David Soler informa lill-membri li minn ħames Reġjuni, ir-Reġjun tan-Nofsinhar, kif ukoll ir-Reġjun Ċentrali huma l-uniċi żewġ Reġjuni li qassmu dawn it-tip ta' fondi. Pero, ir-Reġjun tan--Nofsinhar kien iddeċieda li somma tal-flus titqassam fil-libreriji tal-Kunsilli Lokali li jaqgħu taħt dan ir-Reġjun u proġett ieħor kien li jinxtraw magni tal-qalb.

Il-membri preżenti qablu li għandha titqassam is-somma ta' €200,000.00 mill-aktar fis-possibli.

### 7.3 Tender – Servizzi Professjonali ta' Accountant

It-tender għalaq nhar l-Erbgħa 12 ta' Awwissu 2015, f'nofsinhar, u l-Bord kompost mis-Sur Michael Fenech Adami u mis-Sur Conrad Borg Manche, flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv, fetħu it-tenders fis-1:00pm.

Fl-14 t'Awwissu 2015, is-Sinjura Galea bagħtet e-mail lill-Kunsilli Lokali kollha sabiex issaqsi jekk kienx hemm xi default notices fuq il-kuntratturi li tefgħu t-tender.

Waqt dan l-istadju, ġiet infurmata mis-Sinjura Elizabeth Vassallo li minħabba l-Unità l-ġdida li ser ikun hawn, ir-Reġjun għandu jitlob direzzjoni lid-Direttur tal-Gvern Lokali, is-Sur Carmel Abela, jekk dan ir-Reġjun għandux jipproċedi b'dan it-tender peress li l-prezz għall-ammount ta' xogħol li ser ikun hemm, ser ikun inqas.

Fil-preżent is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Galea, qed tistenna li tingħata direzzjoni mill-Monitoring Unit sabiex dan ir-Reġjun ikun jista' jipproċedi.

### 7.4 Aġġornament fuq is-CCTV Cameras – f'San Gwann

Wara l-qbil li kien hemm bejn il-membri fl-aħħar laqgħa fuq l-installazzjoni ta' żewġ CCTV Camers ġewwa San Ġwann, is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Jeanette Galea, tixtieq tinforma li it-talbiet ġew mgħoddija lis-Sinjura Miriam Barbara (mill-Kumpanija Guard and Warden Service House Ltd.) u l-proċess beda.

### 8. TMIEM

Fis-6:40pm ntemmet is-seduta. Kien hemm qbil li s-seduta li jmiss issir nhar it-Tlieta 6 ta' Ottubru, 2015 fil-5.30pm

Jeanette Galea
Segretarju Eżekuttiv

**Konfermati:**

Michael Fenech Adami
President